

PROĠETT PILOTA VAC-PACT  
KUNFIDENZA FIL-VAĊĊINAZZJONI –  
L-GĦARFIEN, IL-KOMUNIKAZZJONI  
U L-FIDUĊJA TAL-PAZJENTI U  
L-PROFESSIONIISTI

# Il-Vaċċinazzjoni & il-Mard Respiratorju



Iffinanzjat  
mill-Unjoni Ewropea



# L-istatus quo

- Eluf ta' adulti madwar id-dinja jimirdu minn mard li jista' jiġi evitat bl-użu tal-vaċċini kull sena.
- Nies b'**mard respiratorju** ħafna drabi jkollhom speċifikament, riskju ikbar ta' kumplikazzjonijiet minn **mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini**.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tistima:

**262 miljun persuna**

madwar id-dinja għandhom l-ażma


**65 miljun persuna**

għandhom mard pulmonari ostruttiv kroniku (COPD)

... waqt li **iktar miljuni** għandhom rinite allergjika u iktar mard kroniku respiratorju li ħafna drabi mhuwiex dijanjostikat kif xieraq.

Huwa pass importanti li tiegħu l-vaċċin biex tibqa' f'saħħtek. **Kellem lil professjonist tal-kura tas-saħħa, iddiskuti s-sitwazzjoni individwali u l-bżonnijiet tas-saħħa tiegħek, u aċċerta ruġek li tiegħu l-vaċċinazzjonijiet li hemm bżonn.**

# Ħarsa ġenerali lejn il-mard respiratorju



**Mard kroniku respiratorju** huwa mard kroniku tal-passaġġi tan-nifs u ta' strutturi oħrajn fil-pulmun. Dawn jistgħu jinqasmu fi gruppi ta' **mard pulmonari ostruttiv** u **mard pulmonari restrittiv**.



- **Mard pulmonari ostruttiv** jikkawża iktar diffikultà meta titfa' n-nifs 'il barra, bħal ażma, mard pulmonari ostruttiv kroniku (COPD) u bronkiektasi.


- **Mard pulmonari restrittiv** huwa mard li jista' jikkawża problemi billi jillimita l-kapaċità li tiġbed l-arja, bħal fibrożi pulmonari, sinusite kronika, u mard pulmonari okkupazzjonali.



Bħalissa m'hawn l-ebda kura għal mard respiratorju kroniku imma **bit-trattament, bil-kura preventiva u bil-bidliet fl-istil ta' ħajja, inti tista' tgħix ħajja twila f'saħħtek!**

# Ħarsa ġenerali lejn il- mard respiratorju

...jitektompla



- F' **pazjent f'saħħtu**, il-ħajt tal-passaġġ tan-nifs ikun miksi b'mod normali u ma jkollux mukus.
- Pazjent b' **infjammazzjoni tal-passaġġ tal-arja**, minn naħa l-oħra, jkollu l-ħajt tal-passaġġ tan-nifs imħaxxen u infjammata bil-mukus li jista' jagħmel in-nifs diffiċli.

**Ċertu mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini jista' wkoll iżid in-nefħa fil-passaġġi tan-nifs u tal-pulmun.** It-tnejn f'daqqa jistgħu iwasslu għal pnemownja u mard respiratorju ieħor serju.



# Vaċċini ewlenin

Aħna nafu illi **nies b'mard respiratorju** huma iktar esposti għal riskji tas-saħħa relatati ma' mard li jista' jiġi evitat permezz tal-vaċċini.

Hawnhekk hawn erba' vaċċini ewlenin li jgħinu biex inaqqsu dawn ir-riskji bbażati fuq rakkomandazzjonijiet mis-Centers for Disease Control and Prevention (CDC) (Ċentri għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard):

Vaċċin kontra l-influenza



Vaċċin pnevmokokkali

Vaċċin Zoster

Vaċċin DTaP / DTwP

- Ċertu vaċċini mhumiex rakkomandati għal nies b'sistemi tal-immunità kompromessi. **Ikonsulta mal-professionist tal-kura tas-saħħa tiegħek skont il-każ.**
- Żomm f'moħħok: żjarat mediċi ta' rutina huma opportunità tajba għall-forniment tal-kura ta' mard respiratorju, għal follow-ups u għall-edukazzjoni kontinwa tal-pazjent.



# COVID-19

Fil-11 ta' Marzu 2020, il-WHO ikkaratterizzat il-COVID-19, **li hija marda respiratorja li tittieħed** ikkawżata minn coronavirus li għadu kif ġie skopert, bħala pandemija globali li qed taffettwa nies ta' kull età.

- Is-sintomi normalment jibdew minn tlieta sa sebat ijiem wara li tiġi espost għall-virus imma f'ċerti każi, is-sintomi damu sa 14-il ġurnata sakemm deheru.

## Sintomi komuni



Deni



Sogħla



Diffikultajiet meta tieġu n-nifs



Għeja



Uġiegħ fil-muskoli

- Kumplikazzjonijiet rari u severi jistgħu jinkludu infezzjoni fil-pulmun, mard fil-kliwi u anke mewt.
- Nies b'mard respiratorju huma kkunsidrati bħala **grupp ta' riskju għoli għall-COVID-19** u huwa aktar probabbli li jżviluppaw sintomi gravi.
- Il-gravità tal-COVID-19 hija **assoċjata mal-età kbira (>60 sena)**, u l-preżenza ta' **varji kundizzjonijiet tas-saħħa li jkun hemm**. Informazzjoni reċenti tindika li gruppi tal-irġiel għandhom rati ftit iktar għoljin ta' riskju.

# COVID-19

...ikompli

Minħabba r-riskju ikbar ta' riżultati ta' problemi ta' saħħa bħala konsegwenza tal-COVID-19, huwa importanti li nies b'mard respiratorju jiġu nklużi fost il-gruppi ta' priorità għall-programmi tal-vaċċinazzjoni.

Minn Settembru 2021, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) awtorizzat il-vaċċini tal-COVID-19 li ġejjin biex jintużaw fl-Unjoni Ewropea: **Comirnaty** (Pfizer-BioNTech), **Spikevax** (Moderna), **Vaxzevria** (AstraZeneca), u **Janssen**.



# Deċiżjoni infurmata

Huwa vitali li nuqqas ta' teħid tal-vaċċin u eżitazzjoni jiġu ndirizzati permezz ta' **djalogu apert, appoġġjat b'evidenza xjentifika**. Jeħtieġ li jiġi adattat approċċ **tul il-ħajja għall-vaċċinazzjoni** permezz ta' teħid infurmat u kondiviż ta' deċiżjonijiet!

The European Patients' Forum Charter on Patient Empowerment (Il-Karta dwar it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tal-Pazjent tal-Forum Ewropew tal-Pazjenti) hija favur għal prattika ta' kura tas-saħħa fejn il-pazjent jitpoġġa fiċ-ċentru permezz ta' dawn il-prinċipji li ġejjin:

Inti iktar mill-kundizzjoni tas-saħħa tiegħek!

Inti ser ikollok sehem sakemm tixtieq int.

Inti sieħeb ugwali fid-deċiżjonijiet kollha relatati ma' saħħtek.

Inti tista' titlob li jkollok l-informazzjoni meħtieġa f' format faċli biex jinftiehem, inkluż ir-rekords ta' saħħtek stess.

Il-professjonisti tas-saħħa u s-sistema tagħna tas-saħħa jippromovu attivament li kulħadd ikun jaf dwar is-saħħa.

Inti għandek l-appoġġ kontinwu li teħtieġ biex tmexxi l-kura tiegħek stess. Saqs!

L-esperjenza tiegħek hija miżura importantissima għall-kwalità tal-kura tas-saħħa.

Inti tista' wkoll tipparteċipa fl-evalwazzjoni u fid-disinn tas-servizzi għall-kura tas-saħħa, sabiex dawn jaħdmu aħjar għall-kulħadd.